MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 406/2008

**Carmela mart Publius Scerri**

**vs**

**Vincent Cutajar u Alfred Cutajar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-23 t'April, 2008, li permezz tieghu r-rikorrenti wara li ppremettiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi flimkien mal-intimati fuq indikati u ma' ohrajn, ir-rikorrenti hi komproprjetarja *pro indiviso* tal-fond numru 38, Triq il-Kappillan Magri, il-Mellieha;

2. Illi l-provenjenza tal-istess gejja minn wirt tal-genituri taghha Leonard Cutajar u Saverja Cutajar xebba Bonello;

3. Illi bhala komproprjetarja tal-fond fuq riferit, ir-rikorrenti ghandha dritt li tinqeda bl-imsemmija proprjeta`;

4. Illi l-intimati, jew min minnhom, qed jippretendu pussess esklussiv tal-fond de quo;

5. Sejjhet lill-intimati quddiem din il-qorti biex jghidu ghaliex din m'ghandhiex:

i. Prevja dikjarazzjoni li r-rikorrenti hi komproprjetarja *pro indiviso* tal-fond fuq indikat, ghandha dritt li tinqeda bl-istess proprjeta`;

ii. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, biex fi zmien qasir u perentorju prefiss jikkonsenjaw kopja tac-cavetta tal-imsemmi fond b'mod li r-rikorrenti jkollha access liberu ghall-istess fond;

iii. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

Rat ir-risposta tal-intimat Alfred Cutajar datata t-2 ta' Gunju, 2008, li permezz taghha sintetikament eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta;

2. Illi l-fond in dizamina ilu fil-pussess esklussiv ta' l-esponenti sa minn qabel ma gie mahluq l-istat ta' komproprjeta` prezenti bejn il-kontendenti;

Rat ir-risposta tal-intimat Vincent Cutajar datata wkoll it-2 ta' Gunju, 2008, li permezz taghha sintetikament eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta stante li l-intimat de quo m'ghandux il-pussess tal-fond in dizamina;

2. Illi l-fond de quo jinsab fil-pussess esklussiv tal-intimat Alfred Cutajar;

3. Illi di piu`, t-talba tar-rikorrenti hi nsostenibbli stante li l-fond de quo kien fil-pussess tal-intimat Alfred Cutajar sa minn qabel ma gie mahluq l-istat ta' komproprjeta` prezentament ezistenti bejn il-kontendenti;

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat l-10 ta' Gunju, 2008, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju biex tisma' l-provi kollha ta' din il-procedura;

Ezaminat ix-xhieda pprezentata kemm fil-forma t'affidavit kif ukoll dik mismugha mill-assistent gudizzjarju fuq riferita u, minnha stess;

Tiddikjara li ghalkemm tat l-opportunita` lill-partijiet biex jintavolaw nota ta' sottomissjonijiet, dawn jidher li ghazlu li ma jaghmlux hekk;

Ikkunsidrat:

Illi skont ir-rikorenti, l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrenti hi oht l-intimati u maghhom hemm erba' ahwa ohra;

2. Illi l-genituri ta' l'fuq indikati ahwa huma Leonard u Saveria nee` Bonello, konjugi Cutajar;

3. Illi skont il-hames (5) klawsola tat-testment tal-konjugi Cutajar indikati fil-paragrafu ta' qabel dan, datat is-16 ta' Lulju, 1964, dawn innominaw u istitwew eredi universali taghhom lis-seba' (7) wliedhom senjatament:

i. Carmela mart Publius Xerri, (ir-rikorrenti);

ii. Antonio Cutajar;

iii. Vincenza Cutajar, (wiehed mill-intimati);

iv. Giuseppe;

v. Alfred, (wiehed mill-intimati);

vi. Emanuele; u

vii. Leonardo; (ara fol 20 et sequitur u 21 et sequitur);

4. Illi fost il-proprjeta` li ghaddiet ghand l-imsemmija ko-eredi ndikati fil-paragrafu ta’ qabel dan, hemm mil-fond meritu tal-procedura odjerna, senjatament il-fond numru 38, Triq il-Kappillan Magri, il-Mellieha;

5. Illi tul il-hajja tat-testaturi fuq indikati l-imsemmi fond kien jintuza bhala d-dar residenzjali taghhom;

6. Illi ghalkemm meta r-rikorrenti zzewget marret tghix ‘il boghod mill-ġenituri taghha, xorta baqghet iddur bihom;

7. Illi sussegwentement ir-rikorrenti marret tghix l-Awstralja;

8. Illi l-bicca l-kbira ta’ hajtu, l-intimat ghixha l-Amerika fejn kien emigra u meta kien jigi Malta ghal xi btala ma kienx jirrisjedi fl-imsemmi fond meritu tal-kontenzjoni odjerna;

9. Illi fil-fatt ir-rikorenti ssostni li fil-fond de quo ma joqghod hadd izda c-cavetta tal-istess fond hi biss fil-pussess tal-intimati fuq indikati, (ara fol 17 et sequitur);

10. Illi bhala werrieta universali tal-genituri, l-attrici ssostni li dawn ic-cwievet ghandhom ikunu fil-pussess tal-ahwa kollha bhala eredi ugwali tal-genituri taghhom skont it-testment taghhom fuq indikat, (ara fol 17 et sequitur);

Ikkunsidrat:

Illi l-intimat Alfred Cutajar sintetikament espona l-pozizzjoni tieghu fir-rigward bil-mod segwenti:

1. Illi hu kien emigra l-Amerika fejn stabbilixxa r-residenza ordinarja tieghu;

2. Illi pero`, meta eventwalment mietet il-mara tieghu, irritorna Malta;

3. Illi ghamel zmien jghix fil-fond meritu tal-procedura odjerna izda eventwalment xtara post ghalih u mar jabita fih;

4. Illi l-intimat l-iehor, Vincent, qatt ma kellu l-pussess tal-fond de quo, (ara fol 58 et sequitur);

Ikkunsidrat:

Illi l-pozizzjoni tal-intimat Vincent Cutajar kif naxxenti mill-affidavit tieghu a fol 62 et sequitur, tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi qatt ma kellu c-cavetta tal-fond de quo;

2. Illi skont hu, l-unici nies li kellhom ic-cwievet de quo kienu hutu Emanuel u Alfred;

3. Illi l-intimat Alfred kien ilu fil-pussess tal-imsemmi fond sa mill-1981;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante kull allegazzjoni ta' pussess tal-fond da parte tal-intimati, jew min minnhom, jibqa' l-fatt li l-uniku realta` rilevanti li tirrizulta mill-analizi tal-fatti suespost, jibqa` t-testment tal-konjugi Cutajar datat is-16 ta' Lulju, 1964;

Illi fil-hames (5) klawsola tieghu it-testaturi stipulaw li s-seba' wliedhom fuq indikati kienu minnhom dikjarati eredi universali taghhom;

Illi jirrizulta li l-fond in dizamina kien proprjeta` tal-imsemmija testaturi;

Illi ghalhekk it-testment in dizamina jirrizulta li hu wiehed legittimu, u hadd mill-partijiet ma ttenta jimpunjah;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk, in vista tas-suespost, it-testment in dizamina hu superjuri ghal kwalunkwe pussess u l-ahwa Cutajar ghandhom ilkoll ibaxxu rashom ghall-kondizzjonijiet hemm stipulati – fosthom li huma l-ahwa fuq indikati lkoll li huma eredi universali, anke tal-fond meritu ta' din il-kawza;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li tirrespingi r-risposti tal-intimati Vincent u Alfred Cutajar, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara lir-rikorrenti Carmela mart Publius Scerri, komproprjetarja *pro indiviso* tal-fond numru 38, Triq il-Kappillan Magri, il-Mellieha;

2. Tikkundanna lill-intimati Vincent u Alfred ahwa Cutajar biex fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza jikkonsenjaw kopja tac-cavetta tal-imsemmi fond b'mod li r-rikorrenti jkollha access liberu ghall-istess fond;

3. Bl-ispejjez kontra l-intimati fuq riferiti.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------